MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 556/2014

**A B**

***vs***

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-esponenti zzewwget fl-24 ta' Lulju 1992, kopja tac-certifikat anness u mmarkat Dok A u minn dan iz-zwieg kellhom erbat itfal, J u M, li llum huma maggorenni u R u E li ghadhom minorenni;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Liza Camilleri fit-3 ta' Dicembru tas-sena 2004, anness u mmarkat Dok B;
3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikoncilajzzjoni bejniethom stante li minhabba ili ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn ghaxar (10) snin, llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti ghall-minuri R u E;
5. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar l-24 ta' Luju 1992 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;
b) Tordna li d-digriet ta' din il-Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skont il-ligi; u
c) Taghti kull provvidiment ulterjuri li din l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2015;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Semghet lir-rikorrenti titlob li tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' K u rat illi l-intimat ma opponix ghal din it-talba;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Dicembru 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti biex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' K, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------